**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A10-07

**Laqgħa Urġenti**

10 t'Ottubru 2007

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/10**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ġimgħa 12 t'Ottubru 2007, fis-2.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. *Tender – Cleaning & Upkeep Services* Diskussjoni u Approvazzjoni
2. Librerija Pubblika
3. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dunstan Attard
Viċi-Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

9 ta' Novembru 2007

Ref Nru.Klg5/010

Minuti tal-laqgħa Urġenti Nru.Klg5/10 li saret it-Tnejn 12 t' Ottubru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fis-2.00 p.m.

Preżenti

Ħames membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joseph Camilleri u Malcolm Camilleri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati:**

Il-Kunsillieri Ian Micallef u Albert Rizzo.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fl-10 t'Ottubru 2007.

Iċ-*Chairman* għamel *statement* u qal li l-laqgħa saret fis-2.00 p.m. u mhux fl-4.00 p.m. għall-istess raġuni tal-Kunsillier Ian Micallef jiġifieri li dan ta' l-aħħar kien xogħol fis-2.00 p.m. u hu kien xogħol fl-4.00 p.m.

**1.** ***Tender – Cleaning & Upkeep Services* – Diskussjoni u Approvazzjoni**

**1.1.** Iċ-*Chairman* qal, li għall-ftuħ tat-*tender* GLC004/2007 hawn fuq msemmija, huwa kien indispost u għalhekk ppreseda l-laqgħa l-Viċi-Sindku Dunstan Attard.

**1.2.** Tqassam rapport lill-Kunsillieri li ġie mħejji mill-Viċi-Sindku u approvat mill-Kunsillieri Anthony Abela, Malcolm Camilleri u Joe Camilleri bħala osservatur (ara *Appendix* Nru.1).

**1.3.** Il-Viċi-Sindku ta rendikont tal-laqgħat li saru ma' kull min issottometta t-*tender* fejn waslu għal dawn ir-rakkommandazzjonijiet.

Stephen Farrugia

| | |
|---|---|
| ***1.****Urban Sweeping & Cleaning* | Lm21,790/€50757.05 VAT inkluża |
| ***2.****Mechanical Sweeper* | Lm22./€51.25 kull siegħa VAT inkluża u jitħallas Il-ammont ta' Lm2.75/€6.41 kull siegħa jekk ikun hemm bżonn manual sweeper. |
| ***3.****Cutting & Removal of Weeds from Urban Streets* | Lm1850/€4309.34 VAT inkluża |
| **4.*** *Emptying & Cleaning of multi Litter Bins* | 0.12c *per bin* VAT inkluża |

***** Is-Sur Stephen Farrugia qal li jekk kemm –il darba jingħata il-kuntratt, ma jintalabx ħlas għall-*Emptying & Cleaning of multi Litter Bins.*

Emanuel Mifsud

| | |
|---|---|
| **5.**Latrini Pubbliċi | Lm4307.00/€10032.61 VAT inkluża u l-prezz jeskludi l-vandaliżmu. |
| ***6.****Bulky Refuse* | Lm2.35/€5.47 per call x 4 *items* VAT inkluża. |

Il-Viċi-Sindku kompla jgħid li l-appuntamenti għall-*bulky refuse* ser jibdew jittieħdu l-Kunsill li fl-opinjoni tiegħu kienet ħaġa pożittiva u għalhekk il-ħaddiem ta' l-I.P.S. L. Samuel Busuttil li qed jgħin fl-Uffiċċju Amministrattiv ser jiġi mħarreġ għal dan ix-xogħol.

Wara diskussjoni qasira, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li għalkemm il-Kunsillieri Ian Micallef u Albert Rizzo ma kienux preżenti, segwew il-proċess permezz tal-Kunsillier Malcolm Camilleri bħala rappreżentant maħtur minnhom u qablu mar-rakkommandazzjonijiet, sar qbil unanimu b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li t-*tender* tingħata lis-Sinjuri Stephen Farrugia għall-*items* minn Nru.1 sa Nru.4 u Emanuel Mifsud minn *item* Nru.5 sa *item* Nru.6. bid-dettalji hawn fuq msemmija.

Il-Kunsill qabel ukoll li niktbu mmedjatament lill-kuntratturi u t-Tnejn 15 t'Ottubru 2007, jiffirmaw il-*Letter of Acceptance* u l-kuntratturi għandhom iġibu magħhom il-*method of work* kif ukoll, jintbagħtu ittri lis-Sinjuri Chris u Ronald Bezzina u lid-Dipartiment Għas-Servizzi ta' l-Indafa li ma ngħatawx il-kuntratt u tintbagħat il-garanzija bankarja oriġinali.
Ittra ta' terminazzjoni tal-kuntratt sa l-aħħar t'Ottubru 2007, għandha tintbagħat lid-Dipartiment Għas-Servizzi ta' l-Indafa.
Ġie deċiż li kopja tax-xogħol li jagħmlu l-kenniesa tiġi ffirmata mill-kuntrattur u mill-*Contract Manager* Alfred Portelli u li fl-aħħar ġimgħa t'Ottubru 2007, għandha tinħareġ ċirkulari dwar il-*bulky refuse* u tintbagħat lir-residenti tal-lokalita'.

Il-Viċi-Sindku rringrazzja lill-membri tal-Kumitat maħtur biex jirrakkomanda fuq din is-Sejħa għall-Offerti u lill-Kunsillier Joe Camilleri bħala osservatur.

**2. Librerija Pubblika.**

**2.1.** Il-Kunsill qabel unanimament li l-item hawn fuq imsemmi, jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**3. Laqgħa Oħra**

**3.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-2.35 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |